**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-8 TA' LULJU 2020**

**Kawza Numru: 5**

**Rik. Gur. 997/2015 RGM**

**Mark Borg**
**(K.I. 89777M)**

**vs.**

**Romina Abela**
**(K.I. 379174M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat ta' Mark Borg** li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi fit-3 ta' Novembru 1999 miet Francesco sive Francis Borg (skont kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt hawn anness u mmarkata **Dok A**);

2. Illi l-esponent Mark Borg u l-konvenuta Romina Abela huma wlied l-imsemmi Francesco sive Francis Borg, li kienu twieldu miż-żwieġ tal-istess Francesco sive Francis Borg ma' Carmela Borg;

3. Illi kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji annessi (**Dok B** u **Dok C** annessi) l-imsemmi Francesco Borg ħalla tliet testmenti pubbliċi, ilkoll *unica charta* fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro tal-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u wieħed u disgħin (1991) (**Dok D** anness), tas-seba' u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) (**Dok E** anness), u tad-dsatax (19) ta' Majju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) (**Dok F** anness);

4. Illi permezz tal-imsemmija testmenti, u għal dak li jirrigwarda lill-kontendenti, it-testatur, ħalla *inter alia* l-użufrutt reċiproku u t-tgawdija ġenerali tal-assijiet tiegħu lill-martu Carmela Borg (skont l-ewwel Artikolu tal-ewwel testment unica charta tal-15 Novembru 1991 **Dok D** anness) u kif ukoll ħalla b'uniċi eredi universali proprjetarji assoluti tar-rimanenti assijiet ereditarji tiegħu lill-uliedu Mark u Romina mart Lorenza Abela ugwalment bejniethom (skont l-Artikolu tlieta tat-tielet testment tad-19 ta' Mejju 1998 (**Dok F**);

5. Illi wara li l-imsemmija Carmela Borg, omm il-kontendenti u mart it-testatur, mietet fit-18 ta' Settembru 2013 u allura spiċċa wkoll l-użufrutt li hija kienet tgawdi matul ħajjitha fuq il-beni tat-testatur skont it-testmenti msemmija, l-esponent irid li issa jinqasam il-wirt tal-imsemmi Francesco sive Francis Borg;

6. Illi l-konvenuta debitament interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u qsim tal-wirt ta' missier il-kontendenti, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 28 ta' Ottubru 2014, hija baqgħet inadempjenti;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn il-mejtin Francesco sive Francis u Carmela konjuġi Borg;
2. Tordna d-divizjoni tal-assi komunitarji hekk likwidati f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-assi partikolari ta' Francesco sive Francis Borg u l-ohra lill-assi partikolari ta' Carmela Borg, dan preordinatament għat-talba sussegwenti;
3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Francesco sive Francis Borg u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni ta' l-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.
4. Tiddividi l-gid kollu appartenenti lil Francesco sive Francis Borg bejn il-kontendenti f'dawk l-ishma li jispettaw lilhom skond ma nghad hawn fuq.
5. Tinnomina jekk ikun hemm bzonn perit tekniku ghal finijiet ta' likwidazzjoni u valutazzjoni tal-beni.
6. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex kommodament divizibbli.
7. Tinnomina nutar u kuraturi ghall-eventwali kontumaci sabiex jigu ppubblikati l-atti kollha relattivi ma' din il-kawża.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-**risposta guramentata ta' Romina Abela** pprezentata fit-30 ta' Novembru, 2015 li jinghad kif gej:

1. Illi preliminarjament, hija qatt ma rrifjutat illi taqsam il-wirt ta' missier il-kontendenti Francesco sive Francis Borg, u ghalhekk din il-kawza ma kienitx necessarja u hija intempestiva, u wkoll, u ghal tali raguni l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu akkollati unikament mill-attur.

2. Illi fil-mertu, l-esponenti ma topponix (kif qatt ma opponiet) ghall-qasma tal-wirt, u ma topponix ghall-ewwel erba' talbiet attrici salv illi isiru l-imputazzjonijiet, il-komputazzjonijiet u l-kollazzjonijiet necessarji u li jigu rispettati d-disposizzjonijiet testamentarji kemm ta' missier kif ukoll ta' omm il-kontendenti.

3. Illi ghandu jirrizulta illi in-nomina ta' perit tekniku u/jew ta' nutar, il-bejgh in licitazzjoni kif ukoll il-hatra ta' kuraturi ghall-eventwali kontumaci mhux sejrin ikunu necessarji u ghalhekk l-ispejjez in rigward ta' tali talbiet ghandhom ikunu akkollati unikament lill-attur.

4. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-ispejjez tal-kawza ghandhom f'kull kaz jinqasmu in pessima ipotezi fi kwoti ugwali bejn il-partijiet sabiex dawn jirrispekkjaw il-kwoti tal-wirt rispettivi.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa in subizzjoni u ghall-kontroezami.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fl-14 ta' Settembru 2017 giet nominata l-Perit Mary Louise Caruana Galea sabiex taghmel l-istimi tal-propjetajiet involuti u cioe 47, Falzon Street, Sliema u 'St. Martin', Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann u sabiex tirrelata jekk humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti[1];

Rat ir-rapport tal-Peritipprezentat fl-10 ta' Mejju 2018[2];

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fit-22 ta' Mejju 2018 fejn irrilevat illi m'hijiex qieghda taqbel mal-konkluzjonijiet tar-rapport tal-Perit Marie Louise Caruana Galea[3];

Rat il-mistoqsijiet ipprezentati minn Romina Abela fil-31 ta' Mejju 2018[4] kif ukoll ir-risposti in eskussjoni tal-Perit ipprezentati fid-9 ta' Lulju 2018[5];

[1] Pagna 256 tal-process.
[2] Pagna 286 tal-process.
[3] Pagna 291 tal-process.
[4] Pagna 295 tal-process.
[5] Pagna 297 tal-process.

Rat illi f'Lulju 2018 din l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta.

Rat il-provi kollha li tressqu fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fid-29 ta' Novembru 2019[6] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fis-27 ta' Jannar 2020[7];

Rat in-nota ta' Mark Borg ipprezentata fis-7 ta' Jannar 2020 fejn permezz taghha informa lill-Qorti li permezz tal-att tat-12 ta' Dicembru 2019 fl-atti tan-Nutar Jean Paul Farrugia huwa biegh is-sehem tieghu mill-fond 47, Falzon Street, Sliema lil bint il-konvenuta u galadarba il-partijiet m'ghadhomx ko-proprjetarji tal-imsemmi fond "dan il-fond ma ghandux jibqa' jigi kkunsidrat bhala formanti parti mill-beni li ghandhom jigu divizi bejn il-kontendenti permezz ta' din il-kawza"[8];

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, liema trattazzjoni giet ukoll traskritta[9];

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attrici**.

Din il-kawza tirrigwarda talba ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt ta' Francesco sive Francis Borg li miet fit-3 ta' Novembru 1999, li jigi missier il-partijiet li twieldu miz-zwieg ta' Francis Borg ma' Carmela Borg. Il-beni ta'

---

[6] Pagna 369 tal-process.
[7] Pagna 387 tal-process.
[8] Pagna 379 tal-process.
[9] Pagna 395 tal-process.

Francis Borg gie regolat bi tlett testmenti pubblici, ilkoll *unica charta* fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro.  L-armla ta' Francesco Borg mietet fit-18 ta' Settembru 2018.

L-ewwel testment gie redatt fil-15 ta' Novembru 1991[10] fejn fl-ewwel artiklu it-testaturi hallew lil xulxin l-uzufrutt u t-tgawdija generali tal-assi ereditarji taghhom. Fil-hames artiklu u l-artikli sussegwenti gie redatt hekk:

"Il-hames artiklu

It-testaturi jhallu b'titolu ta' legat lil binhom comuni Mark Borg il-fond garage f'Tal-Qattus Road fil-limiti ta' Birkirkara (illi t-testatur kien bena a spejjes tieghu qabel iz-zwieg tieghu mat-testatrici) b'kull ma jinstab go fih 'ad limine intus' kollox inklus u xejn exkluz. In oltre, it-testaturi jhallu lil dan binhom Mark Borg 1) il-mezzanin jishmu Leldor, f'Naxxar Road, f'San Gwann u 2) il-fond mezzanine f'Saint Paul Street, San Gwann jishmu "Georgia".

Is-sitt artiklu

It-testaturi jhallu lil binthom Romina mart Lorenzo Abela, bint comuni taghhom, b'titolu ta' legat il-fond sitta u erbghin, mezzanin, f'Tas-Sliema, fi Falzon Street kif ukoll f'San Gwann f'Saint Paul Street, jismhu "Saint Anthony".

Is-sebgha artikolu

It-testaturi jinnominaw u jistitwixxu bhala unici eredi universali proprietarji assoluti tar-rimanenti assijiet ereditarji taghhom lil żewġt uliedhom Mark u Romina mart Lorenzo Abela, ahwa Borg, fi quoti ndaqs bejniethom u bis-sostituzioni ta' uliedhom f'dawk il casijiet contemplati mill-ligi.

[10] Pagna 12 tal-process.

In oltre lil dawna uliedhom it-testaturi jhallu is-sehem spettent lilhom bil-ligi mill-ghelieqi jew raba agricola t'Tal-Qasbi Road fil-limiti ta' San Gwann fil-limiti ta' B'kara ukoll liema raba' kienet akkwistat flimkien ma zewgha il-mejjet Antonio Pisani."[11]

Dan it-testment gie modifikat b'testment tas-27 ta' Jannar 1995[12] fejn il-hames artikolu gie modifikat fis-sens illi Mark Borg gie mholli lilu b'titolu ta' legat il-fondi (a) St. Martin Garage, Triq il-Kuncizzjoni Immakulata, San Gwann, (b) il-mezzanin Leldor, Naxxar Road, San Gwann u (c) il-mezzanin Georgia, Saint Paul's Street, San Gwann. Bit-tielet artiklu ta' dan it-testment giet emendata is-seba' artiklu sucitat fejn gie eliminat ghal kollox il-klawsola fejn Mark Borg u Romina Abela gie mholli lilhom r-raba agrikola, izda gie kkonfermat li Mark Borg u Romina Abela huma l-unici eredi universali taghhom.

It-tielet u l-ahhar testment redatt huwa dak tad-19 ta' Mejju 1998[13] fejn permezz tieghu wkoll gie modifikat it-testment principali tal-15 ta' Novembru 1991[14]. Bis-sahha tat-tielet artiklu ta' dan it-testment unica charta, "it-testaturi issa jirrevokaw ghal kollox il-hamest artikolu tat-testment principali taghhom u is-sitt u s-sebgha artikolu u t-tmien artikolu u jinnominaw lill-imsemmija legatarji bhala unici eredi universali propietarji assoluti tar-rimanenti assijiet ereditarji taghhom lill-uliedhom Mark u Romina mart Lawrence Abela ugwalment bejniethom liema eredita tikkomprendi s-segwenti fondi: 1. Il-mezzanin "Leldor" u 2. Il-mezzanin "Georgia", it-tnejn f'San Gwann; 3. Il-meazznin f'Falzon Street, Sliema; 4. Mezzanin "Saint Anthony" f'Saint Paul Street, San Gwann u 5. Il-garage "Saint Martin" f'Immaculate Conception Street, San Gwann, u l-oggetti kollha li hemm go fhihom "ad limine intus".[15]

Ikkunsidrat;

---

[11] Pagni 13 u 14 tal-process.
[12] Pagna 16 tal-process.
[13] Pagna 19 tal-process.
[14] Fit-testment l-annu tat-testment bi zvista jaqra "elf disgha mija wiehed u sebghajn".
[15] Pagna 20 tal-process.

**Immobbli**

Waqt is-seduta mizmuma fl-4 ta' Mejju 2016 quddiem din il-Qorti diversament preseduta gie dikjarat "li l-proprjetà immobbli li kienet tappartjeni lill-mejjet Francesco Borg hija is-segwenti:

1. Nofs indiviz tal-fond St. Martin, Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann, liema fond skont il-kontendenti, huwa garaxx;  l-attur jikkontendi li dan il-garaxx huwa munit b'licenzja ta' hanut;

2. 1/6 sehem mit-terran numru 47, Falzon Street, Tas-Sliema, liema fond, skont il-konvenuta jinsab mikri b'kirja antika protetta."[16]

In segwitu ghan-nota aggornament tal-attur tas-7 ta' Jannar 2020 aktar 'l fuq imsemmija, bhala immobbli jibqa' biss il-htiega li jigi diviz il-garaxx St. Martin, Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann.

Din il-Qorti tqis li filwaqt li l-attur ma ddikjarax li huwa qieghed joggezzjoni ghar-rapport peritali u ghalhekk din il-Qorti tqis li l-attur irrimetta ruhu ghar-rapport ta' l-istess Perit Tekniku, il-konvenuta min-naha taghha ipprezentat nota li permezz taghha iddikjarat li m'hijiex qieghda taqbel mal-konkluzjonijiet tar-rapport tal-Perit Tekniku u ghalkemm talbet li jinhatru *periti peritiori* ma jirrizultax li qatt saret insistenza sabiex fil-fatt jinhatru periti addizzjonali. In oltre din il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenuta ma pprezentat l-ebda rapport *ex parte.*

Il-Perit Tekniku vvalutat il-garaxx de quo fis-somma ta' hamsin elf ewro (€50,000) u dan wara li hadet qies tad-daqs, pozizzjoni, stat strutturali u fatturi ohra. Il-perit ikkonkludiet ukoll li l-garaxx ghandu fetha ta' 3.5m u ghalhekk m'huwiex komodament divizibbli. B'mod partikolari ghas-somma moghtija mill-Perit, il-konvenuta staqsiet lill-Perit tikkonferma jekk haditx konsiderazzjoni tax-xoghlijiet li kienu saru fih dan il-garaxx u jekk ix-xoghol

[16] Pagna 33 tal-process.

giex rifless fil-valur li tat. Ghal din il-mistoqsija il-Perit spjegat li l-valur huwa bbazat fuq dak li hija rat waqt l-access "jiġifieri jekk kien hemm xi xoghol maghmul mill-konvenuta li kien vizibbli, jew li ntqal lili waqt l-access mela dan gie ikkonsidrat biex wasalt ghal valur tal-post"[17].

Il-konvenuta kemm fl-affidavit u l-kontro-ezami taghha kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tinsisti li ghalkemm il-garaxx inxtara fiz-zwieg, dan inxtara minn flus provenjenti mill-wirt tal-istess omm u ghalhekk qatt ma jista' jigi meqjus li missierha kellu xi sehem minn dan il-garaxx.

Il-Qorti tqis tali pretensjoni bhala infondata. **Artikolu 1320 (e) tal-Kodici Civili** jipprovdi:

> "Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu –
>
> [...]
>
> (e) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni;
>
> [...]"

Ghaldaqstant nonostante li dan il-garaxx seta' inxtara bi flus Carmela Borg, ladarba dan inxtara fiz-zwieg ghandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-konvenuta tikkontendi wkoll li ommha kienet iddonatilha l-garaxx wara li l-attur kien ha l-karozza.

[17] Pagna 298 tal-process.

Skont l-**Artikolu 1753 (1) tal-Kapitolu 16** "id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku." Ghalkemm it-tieni sub-artikolu telenka l-eccezzjonijiet ghal din ir-regola, id-donazzjoni ta' immobbli ma tikkwadra fl-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet, ghalhekk kien jehtieg li jekk Carmela Borg ghamlet donazzjoni tal-garaxx, sabiex ikun wiehed validu dan kellu jsir permezz ta' att pubbliku. Ghaldaqstant din is-sottomissjoni tal-konvenuta qed titqies infondata.

Tqis ghalhekk illi nofs indiviz mill-garaxx jifforma parti mill-assi ereditarji ta' Francesco sive Francis Borg filwaqt li n-nofs indiviz l-iehor jifforma parti mill-assi ereditarji ta' Carmela Borg.

Sa fejn huwa possibbli l-Qorti ma ghandhiex tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-propjetà mizmuma in komun jekk din tkun komodament divizibbli; izda galadarba l-Perit ikkonkludiet li l-garaxx m'huwiex komodament divizibbli, jehtieg li din il-Qorti tapplika d-dispost tal-**Artikolu 515 (1) tal-Kapitolu 16** li jipprovdi li "(1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom."

Hu maghruf li *"meta fond ikun divizibbli komodament u minghajr diskapitu, ma ghandux jigi applikat ir-rimedju tal-licitazzjoni. Komodament, jigifieri minghajr pregudizzju ta' l-interessi tal-kondividenti; minghajr diskapitu, jigifieri illi ma ghandux ikun hemm deprezzament fil-valur ekonomiku tal-fond bid-divizjoni materjali tieghu"*[18]. Hu biss fejn il-qasma tal-assi ereditarji la hi rakkomandabbli u lanqas possibbli kommodament, f'liema eventwalità *"wiehed ghandu jirrikorri ghal licitazzjoni bhala r-rimedju straordinarju u eċċezzjonali"*[19].

[18] **Giuseppe Meilak et vs. Cecilia Zahra Scicluna** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Gunju 1948.
[19] **Rita Grech et vs. Giuseppe Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Lulju 1969.

Fir-risposta guramentata taghha l-konvenuta teccepixxi illi hija qatt ma rrifjutat illi taqsam il-wirt ta' missier il-kontendenti; illi ma topponix ghall-qasma tal-wirt imholli mill-missier salv li jsiru l-imputazzjonijiet, il-komputazzjonijiet u l-kollazzjonijiet necessarji u li jigu rispettati id-disposizzjonijiet testamentarji kemm tal-missier kif ukoll tal-omm il-kontendenti.

Fl-ewwel lok jigi osservat illi l-konvenuta ma ezebitx ir-ricerki testamentarji ta' Carmela Borg u ghalhekk mill-atti ma jirrizultax liema kienu l-ahhar disposizzjonijiet testamentarji taghha.

Fit-tieni lok, l-attur qed jitlob id-divizzjoni tal-assi ereditarji tal-missier u mhux tal-omm. Il-konvenuta mhux talli ma opponitx tali talbiet talli eccepiet li taqbel li ghadha ssir id-divizzjoni tal-assi ereditarji tal-missier tenut kont li fit-talbiet attrici ma saritx ukoll it-talba ghad-divizzjoni tal-assi ereditarji tal-omm; u lanqas tresqu talbiet rikonvenzjonali fir-rigwarrd.

Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tordna l-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-wirt imholli mill-missier.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-konvenuta tissottometti li l-garaxx de quo ghandu jigi kkonsidrat bhala appartenenti esklussivament lill-assi ereditarji tal-omm. Pretensjoni din li mhux biss ma tirriflettix l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuta izda wkoll hija pretensjoni li biex tigi trattata u deciza jehtieg li titressaq fil-forma ta' azzjoni u mhux in via di eccezione.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-immobbli formanti l-assi ereditarji mill-wirt tal-missier u li jappartjenu liz-zewg kontendi huwa biss il-garaxx de quo tenut kont li fil-mori l-attur biegh is-sehem indiviz tieghu mill-fond f'tas-Sliema li terzi.

Tenut kont li nofs indiviz tal-garaxx de quo ma hux komodament divizibbli, l-Qorti qed tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' nofs indiviz tal-istess garaxx b'dan

illi r-rikavat ghandu, wara li jitnaqqsu l-ispejjez relatati mal-bejgh, jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti.

**Mobbli**

Jirrizulta li filwaqt li l-partijiet jidher li qablu kif ghandu jinqasam id-deheb li kellu missierhom[20], l-istess izda m'humiex qeghdin jaqblu fuq il-flus kif ukoll fuq il-vettura li kellu Francis Borg.

***Flus***

Ix-xhud Joanna Bartolo, rapprezentata tal-Bank of Valletta, mismugha fl-1 ta' Dicembru 2016, ipprezentat numru ta' dikjarazzjonijiet bankarji. Ghalkemm ta' interess ghal din il-kawza huma dawk relatati ma' kontijiet bankarji li kellu Francis Borg galadarba t-talba ghad-divizjoni hija biss ghall-assi ta' Francis Borg, id-dikjarazzjonijiet bankarji ta' Carmela Borg huma ta' relevanza wkoll. Mill-atti ma jirrizultax li Francis Borg kellu kontijiet f'ismu biss izda irrizulta li kellu erba' kontijiet kongunti mal-mara tieghu Carmela Borg. Jirrizulta li fid-data tal-mewt ta' missier il-partijiet, il-kontijiet bankarji kellhom is-segwenti ammonti fihom:

1. Kont tat-tip *savings* bin-numru 16700386034 - Lm655.18 (ekwivalenti ghal €1526.16)[21]
2. Kont tat-tip *current* bin-numru 16700386021 – Lm13.87 (ekwivalenti ghal €32.31)[22]
3. Kont tat-tip *fixed* bin-numru 16700386047 – Lm3,500 (ekwivalenti ghal €8,152.81)[23]
4. Kont tat-tip *disposal* bin-numru 16700386050 – Lm 0[24]

---

[20] Romina Abela fl-affidavit taghha li jinstab f'pagna 323 tal-process spjegat li "mill-ftit deheb li kien hemm, jien hadt ic-curkett tat-tieg ghax kien plain, bhala tifkira tieghu, u Mark ha l-kumplament ghax kienu ta' l-irgiel".
[21] Pagna 96 tal-process.
[22] Pagna 100 tal-process.
[23] Pagna 106 tal-process.
[24] Pagna 108 tal-process.

B'referenza ghall-ewwel zewg kontijiet, din il-Qorti tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur isemmi ammonti differenti u dan in vista li fir-rigward tal-ewwel kont l-attur ha s-somma kif kienet fl-1 ta' Dicembru 1999 u ghalhekk wara li kien sar depozitu ta' hamsa u hamsin lira Maltin (Lm 55), filwaqt li fit-tieni kont l-attur ha s-somma kif kienet wara li fin-nofs tax-xahar ta' Novembru 1999 gew migbuda tmien liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm8.45). Din il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk li fiz-zewg kontijiet kellha tittiehed is-somma kif kienu qabel dawn iz-zewg transazzjonijiet. It-total ta' flus huwa ghalhekk ta' disat elef, seba' mija u hdax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€9,711.28). Dawn kienu l-unika kontijiet li jidher li kellu s-Sur Borg. L-unika rapprezentant iehor ta' bank li gie imressaq kien mill-bank HSBC fejn Alison Mifsud Brimmer fix-xhieda taghha tal-21 ta' Gunju 2017 tghid li Francis Borg ma kellu l-ebda flus depozitati, *safe deposit boxes* jew investimenti ohra mal-bank HSBC.

Galadarba dawn kienu kontijiet kongunti, nofshom jappartjenu l-assi ereditarji ta' Francesco Borg ammontanti dan in-nofs ghas-somma ta' €4,855.64 mil-liema somma l-partijiet ghandhom sehem ugwali. Dan maghdud din il-Qorti izda tosserva li dawn il-kontijiet bankarji baqghu attivi wara mewt Francis Borg bil-possibilità li Carmena Borg tigbed minnhom il-flejjes li kien fihom dawn il-kontijiet inkluz dawk li kienu jappartjenu lid-defunt.

Tant huwa l-kaz li l-flus li kien hemm fil-kontijiet bankarji li kienu wkoll f'isem Francis Borg gew migbuda minn Carmela Borg b'dan illi l-kontijiet illum il-gurnata huma vojta ghal kollox. Ta' min jghid li s-Sinjura Borg bis-sahha tat-testment tal-15 ta' Novembru 1991 thalliet l-uzufrutt u tgawdija tal-assi ereditarji però ma gietx mahtura wkoll bhala l-werrieta tieghu jew legatarja.

Skond **Artikolu 328 tal-Kodici Civili**, "L-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fil-għamla.". L-assi soggetti ghall-uzufrutt li qed jigu trattati jikkonsistu fi flus. **Artikolu 329 tal-**

**Kapitolu 16** jipprovdi li "Jekk fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom mingħajr ma jikkunsmahom, bħal flus, [...], l-użufruttwarju għandu jedd jinqeda bihom bl-obbligu li jħallas kemm jiswew fuq stima li ssir tagħhom fil-bidu tal-użufrutt; fin-nuqqas ta' din l-istima, huwa jista' jagħżel jew li jrodd ħwejjeġ fl-istess kwantità u tal-istess kwalità, inkella li jħallas is-siwi tagħhom bil-prezz li jkun miexi fiż-żmien li jispiċċa l-użufrutt."

Ladarba omm il-partijiet kellha fiz-zmien wara l-mewt ta' zewgha it-tgawdija tal-flus appartenenti l-eredita mhollija minn zewgha, mhux eskluz li hija inqdiet bihom. In tema legali ssir referenza ghas -sentenza **Carmelo Galea et vs. Edgar Preca et**, deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fl-1 ta' Frar 1954 fejn inghad: "Biex wiehed jiddisponi mill-proprjeta' ta' haga hemm bzonn illi jkun proprjetarju; u appuntu dan hu l-karattru essenzjali tal-kwazi-uzufrutt, jigiferi dak li l-uzufruttwarju jkun il-proprjetarju tal-haga, imma bl-obbligu li meta jispicca l-uzufrutt jirrestitwixxi, mhux dik il-haga in-natura, imma l-valur taghha.". Ghalhekk l-uzufrutt ta' hwejjeg fungibbli, bhal ma huma flus, huwa kwazi-uzufrutt, u l-uzufruttwarju jsir sid tal-flus b'dan illi jista' jinqeda bihom, bl-obbligu li jroddhom fi tmiem l-uzufrutt, mhux qabel. Ghalhekk is-Sinjura Carmela Borg kienet qieghda tinqeda bihom bi dritt taghha però xorta baqa l-obbligu fuqha li meta jispicca l-uzufrutt, f'dan il-kaz mal-mewt, il-kapital jithallas lura lill-werrieta ta' Francis Borg.

Mid-dikjarazzjonijiet bankarji ipprezentati minn Joanna Bartolo jirrizulta li Carmela Borg kellha numru ta' kontijiet bankarji f'isimha inkluz *fixed account* li nfetah minn Carmela Borg f'isimha f' Settembru 2000 bis-somma ta' Lm3,200 li jirrizulta li huwa fl-istess xahar u sena meta ghalqet il-*fixed account* li kellha ma' zewgha u li fih kien hemm is-somma ta' Lm3,500. Jirrizulta li d-defunta kellha tlett kontijiet ohra apparti l-*fixed account* imsemmi. It-total fl-erba' kontijiet huwa ta' hamest elef disgha mija u hdax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€5,911.56).

L-attur pero' ma gabx prova dwar min hu/huma l-werrieta tad-defunta Carmela Borg. Il-Qorti ghalhekk mhiex f'posizzjoni li tiddikjara u tordna oltre dak

appena fuq dikjarat fil-paragrafu precedenti tenut kont illi d-divizzjoni tal-assi appartenenti l-wirt tad-defunta Carmela Borg ma hiex il-mertu tal-kawza odjerna, u dan fuq ghazla libera li ha l-attur meta istitwixxa l-procedura odjerna. Qed jibqa' impregudikat il-pretensjoni tal-attur dwar l-assi imhollija mill-missier li llum jidher li jinstabu depozitati l-bank intestati f'isem id-defunta Carmela Borg.

Kien jispetta lill-attur illi sabiex il-gudizzju jkun integru li jharrek ukoll il-werrieta' ta' omm il-partijiet izda kif rajna, prova dwar min huma l-werrieta ma ngabitx.

***Flus gewwa bank l-Ingilterra***

Waqt il-kontro-ezami ta' Mark Borg tas-26 ta' Frar 2019 gie lilu suggerit li huwa kien ha tlett mitt lira sterlina (£300) li kienu jinsabu f'Bank l-Ingilterra[25] izda l-attur innega li dan kien il-kaz. Min-naha taghha l-konvenuta ma gabet l-ebda prova sabiex isahhah l-allegazzjonoi taghha dwar li vera kien hemm kont gewwa bank l-Ingilterra u wisq anqas li l-attur gibed £300. L-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** jipprovdi illi: "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega." Kif gie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** moghtija fis-27 ta' Gunju 1953 "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."* Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi illi ma giex ippruvat sodisfacentement illi l-attur ghandu f'idejh flus appartenenti l-eredita' mhollija minn Francesco Borg u li fil-mument tal-mewt tieghu kienu jinstabu depozitati l-Ingilterra.

***Il-vettura***

[25] Pagna 314 tal-process.

Mobbli iehor li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet hija l-vettura tat-tip Subaru Impreza. M'huwiex ikkontestat li din il-vettura inxtrat fiz-zwieg ghalhekk kemm Carmela Borg kif ukoll Francis Borg kellhom sehem ugwali minn din il-vettura. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li "huma aċċettaw li nixtriha jien u kont hallast tliet elef u hames mitt Lira Maltin (Lm 3,500). Dan qed nitkellmu dsatax-il sena ilu." Din is-somma kienet tikkomprendi n-nofs tal-omm kif ukoll il-kwart ta' ohtu. Jghid li kienet ommu li gabet lil xi hadd sabiex jistima l-vettura u huwa hallas is-sehem taghhom – nofs t'ommu u kwart t'ohtu - sabiex jixtriha hu. Fl-affidavit ikompli jghid li "Kif tajthom il-flus, kemm ohti Romina u kif ukoll ommi ffirmawli l-karti biex inkun nista' neqleb il-karozza f'ismi."

Min-naha l-ohra l-konvenuta tghid li l-karozza kienet inxtrat minn flus ommha wara li kienet fil-fatt wirtet. Din il-Qorti tosserva li apparti l-fatt li qatt ma ngabet prova konkreta ta' x'kienu l-assi li wirtet l-omm minn ghand il-genituri taghha u mir-ragel tal-ewwel zwieg, hawn il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument tal-konvenuta u tirreferi ghal dak li inghad aktar kmieni hi u titratta dan il-punt fir-rigward tal-akkwist tal-garaxx.

Ma' dan l-argument il-konvenuta qieghda tishaq fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li "illi l-attur qatt ma hallas ghall-vettura izda kien sar qbiel bejniethom, u cioe bejn il-kontendenti u ommhom, li l-attur jiehu l-vettura u l-konvenuta tiehu l-garage ta' San Gwann" huwa ghalhekk li "ghandu jidhol fil-massa ereditarju fejn tali valur (kif spjega l-attur stess) ghandu jkun ta' Lm5000"[26]. Bhal ma' gie diga ritenut, minn jallega jrid jipprova ghalhekk filwaqt li l-attur gab prova li l-vettura giet trasferita fuq ismu bi qbil kemm ta' ommu kif ukoll t'ohtu l-konvenuta u dan it-trasferiment sar quddiem in-Nutar Peter Carbonaro[27], il-konvenuta naqset milli tipprova l-allegazzjoni taghha li kien hemm qbil li hija ghandha tiehu l-garaxx minflok tithallas sehema mill-vettura. Din il-Qorti m'hijiex konvinta li l-verzjoni tal-konvenuta hija veritiera meta

[26] Pagna 390 tal-process.
[27] Pagna 304 tal-process.

tqis li sabiex tigi trasferita vettura il-partijiet marru quddiem Nutar izda ma hadux l-okkazzjoni u ghamlu att pubbliku fir-rigward tal-garaxx. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi wara l-ftehim milhuq bejn omm il-partijiet u l-partijiet, il-vettura ghaddiet f'idejn l-attur u ghalhekk m'ghadiex tifforma parti mill-assi ereditarji tal-missier li jehtieg li jigu divizi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta konformement ma' dak hawn deciz:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba, tillikwida l-assi ereditarji tad-defunti Francesco sive Francis u Carmela konjugi Borg li kienu jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom sakemm gie nieqes Francis Borg bil-mod kif fuq dikjarat u tiddikjara illi minn dawk l-assi komuni, l-assi li ghadhom mhux divizi huma s-segwenti (a) garaxx bl-isem *St. Martin*, Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann, u (b) kontijiet bankarji kongunti li fil-mument tal-mewt ta’ Francesco sive Francis Borg it-total taghhom kien ta’ disat elef, seba’ mija u hdax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€9,711.28);

2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara illi l-assi ereditarji de quo appartenenti rispettivament il-wirt tad-defunt Francis Borg u l-wirt tad-defunta Carmela Borg li ghadhom mhux divizi huma nofs (1/2) indiviz kull wiehed tas-segwenti: (a) garaxx St. Martin, Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann, u (b) depoziti bankarji ammontanti ghal disat elef, seba’ mija u hdax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€9,711.28);

3. Tilqa’ t-tielet talba;

4. Tilqa’ r-raba talba u tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' nofs (1/2) indiviz tal-garaxx bl-isem *St. Martin*, Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann, skond ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku M'Louise Caruana Galea li tinsab a fol. 286

tal-process, b'dan illi oblaturi estranei ghandhom jithallew jippartecipaw fil-licitazzjoni.  Tiddikjara illi mid-depoziti bankarji appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn iz-zewg defunti;  sehem id-defunt Francis Borg jammonta ghal erbat elef, tmin mija u hamsa u hamsin ewro u erbgha u sittin centezmu (€4,855.64) b'dan illi elfejn, erba' mija u sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€2,427.82) jappartjenu lill-attur filwaqt li somma ekwivalenti tappartjeni lill-konvenuta.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur u in kwantu ghal nofs mill-konvenuta.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**